MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2013

Numru. 672/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Antonovich Muscat]**

**vs**

**Alfred Delia**
**Marco Delia**

**Kumpilazzjoni Numru: 672/2010**

**Illum, 23 ta’ Mejju 2013**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra:

**Alfred Delia,** ta’ 65 sena, bin Emanuele u Maria Anna nee’ Pisani, imwieled Zabbar fil-25 ta’ Mejju 1945,

residenti fil-fond numru 9 Casa Delia, Triq it-Telliera, Zabbar u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 459045(M); u

**Marco Delia,** ta' 43 sena, bin Alfred u Catherine nee' Camilleri, imwieled Pieta' fl-14 ta' Lulju, 1966, residenti fil-fond numru 9 Casa Delia, Triq it-Telliera, Zabbar u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 311466(M);

Akkuzat talli f' Mejju 2010, f' April 2010, f' Jannar 2010 u fix-xhur ta' qabel f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda

1 Ghamlu atti ta' money laundering billi :-

i) ikkonvertew jew trasferew proprjeta' meta kienu jafu jew issuspettaw li dik il-proprjeta' kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta', attivita' Kriminali jew minn att ta' partecipazzjoni f' attivita Kriminali, ghall-iskop ta' jew skopijiet ta' habi jew wiri haga b' ohra ta' l-origini tal-propjeta jew ta' ghoti ta' ghajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew koncernati f' attivita Kriminali;

ii) Hbew jew urew haga b' ohra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispozizzjoni, movement ta' jeddijiet rigward fi jew fuq propjeta', meta kienu jafu jew issuspettaw li dik il-proprjeta kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita' Kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f' attivita Kriminali;

iii) Akkwistaw proprjeta' meta kienu jafu jew jissuspettaw li fl-istess proprjeta kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita Kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f' attivita Kriminali;

iv) Bir-ritensjoni minghajr skuza ragonevoli ta' proprjeta' meta kienu jafu jew issuspettaw li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' Kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f' attivita' Kriminali;

v) Ittentaw ghamlu l-hwejjeg jew attivitajiet illegali fuq imsemmija;

vi) Agixxew bhala komplici fit-tifsir ta’ l-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali rigward xi wahda mill-hwejjeg jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta’ hawn fuq;
ai termini tal-artikolu 3 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373, u l-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika mutatis mutandis id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 5 ta’ l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta, hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija tikkundannah lill-akkuzat/i ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’ jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ordni ta’ l-Avukat Generali li permezz tieghu baghat lill-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi kif jirrizulta anke mill-konnottati taghhom, l-imputati huma imparentati, fis-sens li Marco Delia huwa iben Alfred Delia. Alfred Delia ghandu zewgt itfal ohra[1]: Freddie Delia u Roderick Delia; Roderick ghadu jghix mal-genituri tieghu.

[1] Fil-verita skond l-istqarrija tieghu Dok AM9 huwa ghandu hamest itfal: tlett subien u zewgt ibniet.

Illi l-imputat Alfred Delia kien jahdem mal-Gvern (Public Works) u llum huwa pensjonant; m'ghandu l-ebda introjtu iehor hlif ghall-pensjoni u xi imghaxx f'ammonti negligibbli. L-imputat Marco Delia jahdem bhala labourer mal-Gvern u m'ghandu l-ebda ntrojtu iehor hlif ghall-paga. L-imputat Marco Delia jghix mal-genituri tieghu.

Illi rrizulta li l-imputat Alfred Delia ghandu tlett vetturi registrati fuq ismu[2]: wahda hija ta' tip Diahatsu Terios, ohra ta' tip  BMW 530D li ghandha numru ta' registrazzjoni PAJ 130, u t-tielet wahda ta' tip BMW Z4 li ghandha numru ta' registrazzjoni DIA 612. Il-vettura ta' tip BMW 530D b'numru ta' registrazzjoni PAJ 130 inxtrat fis-6 ta' Jannar 2010 bil-prezz ta' €18,634. Minn dan il-prezz €4,000 thallsu f'daqqa fi flus kontanti fil-waqt li l-bilanc kellu jithallas ratealment u kien kopert b'kambjali. Il-vettura ta' tip BMW Z4 li ghandha numru ta' registrazzjoni DIA 612 inxtrat bil-prezz ta' cirka €24,000; ghalkemm id-data ta' meta inxtrat ma jirrizultax bi precizzjoni huwa stabbilit li din il-vettura waslet Malta f'l-1 ta' April 2010[3] u li Alfred Delia inxurja din il-vettura f'ismu ghall-ewwel darba (meta kien ghadu mhux maghruf x'kien ser ikun in-numru ta' registrazzjoni taghha) fid-19 ta' Mejju 2010. Ghandu jigi rilevat ukoll li din il-vettura giet inxurjata biex isuquha zewg persuni biss u cioe Freddie Delia (bin Alfred Delia) u martu Diane Delia[4]. Il-prezz ta' €24,000 cirka thallas fi flus kontanti.

Illi ghandu jigi rilevat mill-ewwel li f'l-ewwel stqarrija rilaxxjata minnu Alfred Delia ammetta li iz-zewg vetturi ta' tip BMW registrati f'ismu fil-fatt huma ta' ibnu Freddie u thallsu minnu, cioe minn ibnu Freddie Delia.

Illi jirrizulta li Marco Delia ghandu tlett vetturi registrati f'ismu: Hyundai Accent u zewg Mitsubishi[5]. Wahda mill-Misubishi, u cioe dik li ghandha numru ta' registrazzjoni CGV 021, hija mudell aktar recenti mill-ohra u inxtrat fit-3

[2] Ref Dokument konfermat bil-gurament a fol 723 tal-process.
[3] Ref dokument a fol 96 tal-process.
[4] Ref dokument konfermat bil-gurament a fol  761 tal-process.
[5] Ref dokument konfermat bil-guramnet a fol 392 tal-process.

ta' April 2010 bil-prezz ta' €14,000; minn dan l-ammont is-somma ta' €4660 thallas f' daqqa fi flus kontanti u l-kumplament kellhom jithallsu f'pagamenti rateali. Meta Marco Delia xtara it-tieni Mitsubishi l-ewwel wahda kienet ilha ghandu xi sentejn u kienet ghada ma thallsitx f'l-intier taghha. Marco Delia jammetti li din it-tieni Mitsubisho (CGV 021) gieli jsuqha ruh Roderick.

Illi jirrizulta li Alfred Delia (l-imputat) ghandu tlett kontijiet bankarji mal-HSBC: wiehed ta' tip *savings* u l-ohrajn ta' tip *fixed;* f'l-ebda wiehed minn dawn il-kontijijet ma kien hemm xi sommom notevoli depozitati. Alfred Delia kellu zewg *loan* accounts ma'l-HSBC li kienu gew saldati.

Illi jirrizulta li Marco Delia ghandu kont wiehed biss, ta' tip *savings* mal-Bank of Valletta; f'dan il-kont ukoll qatt ma kien hemm bilanc ta' aktar minn €1,800.

Illi jirrizulta ukoll li fil-passat Roderick u Freddie Delia gew misjuba hatja ta' reati konnessi ma' traffikar tad-droga; in oltre huma gew akkuzati b'dawn it-tipi ta' reati f' Gunju 2010[6]. Ghandu jigi rilevat li fil-kors ta' investigazzjoni imexxija fis-sena 2010 fil-konfront ta' Roderick u Freddie Delia, (investigazzjoni li wasslet biex ittiehdu passi kontra taghhom dwar traffikar ta' droga u anke hasil ta' flus) il-pulizija innutaw li l-imsemmija Roderick u Freddie Delia kienu qed juzaw vetturi ta'certu valur inkluz dawk fuq imsemmija cioe z-zewg BMW's u l-Mitsubishi. Fil-kors ta' din l-investigazzjoni gie stabbilit li z-zewg BMW's u l-Mitsubishi fil-fatt kienu registrati fuq Alfred Delia u Marco Delia (l-imputati odjerni) rispettivament u ghalhekk il-pulizija wessaw l-investigazzjoni taghhom fil-konfront ta'l-imputati odjerni ukoll. Mill-informazzjoni li gabru f'l-investigazzjoni taghhom, partikolarment l-introjtu taz-zewg imputati odjerni, il-pulizija deherilhom li ma kienx hemm spjegazzjoni ta' kif iz-zewg imputati setghu akkwistaw dawn il-vetturi b'mod legittimu.

Illi fil-fatt permezz tal-proceduri odjerni l-prosekuzzjoni qed tallega li l-imputati xtraw dawn il-vetturi bi flus provenjenti

[6] Roderick wahdu tressaq ukoll fis-sena 2009.

mill-attivita illegali ta'l-ahwa Roderick Delia u Freddie Delia u dan bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 373 dwar hasil ta' flus.

Illi l-imputati mhux qed jikkontestaw li kull wiehed minnhom xtara l-vettura fuq imsemmija bil-prezz indikat; fil-verita dan jirrizulta ampjament mid-dokumenti esebieti u provi ohra. Dak li qed jigi kontestat huwa l-allegazzjoni tal-prosekuzzjoni dwar il-provenjenza tal-flus li bihom l-imputati hallsu ghal dawk il-vetturi.

Ikkunsidrat

Illi l-Qorti ta'l-Appell Kriminali kellha l-opportunita taghmel analizi approfondita u dettaljata dwar l-oneru tal-prova li tinkombi lill-partijiet f'kazijiet ta' hasil ta' flus. Fil-fatt fil-kawza Il-Pulizija vs Carlos Frias Mateos deciza fid-19 ta Jannar 2012 dik l-Qorti qalet hekk:

*Ma hemmx dubju illi r-reat ta' money laundering huwa wiehed mir-reati l-aktar difficli u delikati biex jigu nvestigati. It-teknika u s-sofistikazzjoni tal-mod kif il-flus jigu girati u jinhbew mill-provenjenza llecita taghhom jaghmluha kwazi mpossibli illi l-investigaturi jsibu tracca tal-provenjeza tal-flus. Kien ghalhekk illi f'dawn ic-cirkostanzi l-ligi tal-Money Laundering Kap 373 ipoggi l-oneru fuq dak li jkun illi huwa jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti l-provenjenza lecita tal-flus illi jkunu nstabu fuqu. Dan il-bdil ta' l-oneru tal-provi m'hijiex wahda kapriccjuza u kif qalet il-Qorti fil-kawza "Il-Pulizija vs John Vella" "din hi ligi strordinarja li tintroduci kuncetti radikali fis-sistema nostrana u li tirrikjedi applikazzjoni fl-aktar skruplu u attenzjoni biex ma tigix reza xi sturment ta' ngustizzja, aktar reminixxenti taz-zminijiet ta' l-inkwizizzjoni minn dak ta' l-era' moderna tad-drittijiet tal-bniedem. . . .".*

*Il-Qorti qieghda taghmel dan il-pronuncjament fl-isfond tad-dispost ta' l-Artiklu 2(2)(a) u l-Artiklu 3(3) tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta illi ghandhom jinqraw fid-dawl ta' l-Artiklu 21(1c)(b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipulaw li l-Avukat Generali jista' jakkuza persuna bir-reat ta' "money laundering" minghajr ma jkollu xi sentenza*

*b'referenza ghal xi offiza precedenti. Ma dan kollu, jibqa` l-fatt illi l-Avukat Generali ghandu jipprova n-ness bejn il-flus jew il-propjeta u l-attivita kriminali li tkun generat dawk il-flus.*

*Dwar il-livell ta' prova li jinkombi fuq l-Avukat Generali, l-Qorti taghmel referenza ghall- kawza "Il-Pulizija vs Paul Borg" deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Ottubru ta' l-2003. F'din il-kawza l-Qorti kienet qalet illi meta l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bl-offiza ta' money laundering taht il-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Avukat Generali ghandu jipprova "prima facie" n-ness bejn il-flus jew il-propjeta u l-attivita kriminali li tkun generat dak il-flus jew propjeta. Minn ezami u qari akkurat ta' din id-dispozizzjoni din il-Qorti thoss li una volta li l-prosekuzzjoni tiddeciedi li tipprocedi skond l-Ordinanza Kap 101 u mhux taht id-dispozizzjonijiet tal-Kap 373 ossia l-Att tan-1994 kontra "Money Laundering", fejn l-attivita kriminali sottostanti tista' tkun varja u tirreferi ghall-ksur ta' diversi ligijiet kif indikat fit-tieni skeda ta' l-istess Att, irid almenu jigi "prima facie" pruvat li l-akkuzat ikun qed jagixxi bi hsieb li jahbi jew jikkonverti flus jew ir-rikavat ta' flus u jkun jaf jew ikollu suspett li dawk il-flus ikunu miksuba bhala rizultat ta' ksur ta' xi dispozizzjoni ta' l-Ordinanza Kap 101 u dana qabel ma tiskatta l-inverzjoni ta' l-oneru tal-prova fuq l-akkuzat."*

*F'din il-kawza, l-appellat qed jigi akkuzat bil-ksur ta' provvedimenti tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta izda dan il-Kap jaghmel referenza wkoll ghall-Artiklu 21(1c)(b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta li wkoll jitfa' l-piz li juri l-origini lecita tal-flus, propjeta jew rikavat fuq il-persuna akkuzata. Ghalhekk, dan il-livell ta' prova "prima facie" japplika kemm ghall-persuna li tkun akkuzata b'money laundering taht il-Kap 101 kif ukoll taht il-Kap 373. Issa, peress illi l-Artiklu 2(2)(a) ta' l-istess Att jezimi mir-responsabilta' l-prosekuzzjoni illi tipprova xi htija precidenti in konnessjoni ma xi attivita` kriminali, kull ma ghandha tipprova l-prosekuzzjoni huwa illi l-flus illi nstabu fil-pussess tal-persuna li ma kienux konformi ma l-istil ta' hajja tal-persuna, liema prova tkun tista' tigi stabbilita anke minn provi indizzjarji. Dana jfisser illi l-prosekuzzjoni m'ghandix*

*tipprova lill-Qorti l-origini tal-flus, lanqas jekk il-flus kienu llegali. Kull ma trid tippruva huwa fuq grad ta' "prima facie" illi ma hemm l-ebda spjegazzjoni logika u plawsibbli dwar l-origini ta' dawk il-flus. Darba ssir din il-prova fil-grad imsemmi, jkun imiss lill-akkuzat sabiex juri illi l-origini tal-flus ma kienx illegali.*

*Forsi f'dan l-istadju ikun opportun illi jigi kwalifikat il-prova "prima facie" u fiex din tikkonsisti.*

*Ikkunsidrat*

*Hu ben saput illi l-Qrati generalment jirrikonoxxu erba' tipi ta' prova, dak li huwa possibli, l-probabbli, minghar dubju dettat mir-raguni u c-certezza. Izda l-prova "prima facie" hija wzata mill-Magistrat Inkwirenti meta jirredici l-Process Verbal u l-Magistrat Istruttur fl-gheluq tal-Kumpilazzjoni. Fl-opinjoni tal-Qorti din hija livell ta' prova illi tidhol bejn il-possibli u l-probabbli.*

*L-awtur Blackstone (At D 6.21) jghid fost affarijiet ohra, "Thus, the standard of proof the prosecution are now required to satisfy at committal proceedings is very low, lower than that resting on a plaintiff in civil proceedings. It is commonly expressed as establishing a prima facie case or a case to answer." Il-probabbli huwa l-livell uzat f'proceduri civili. Ghalhekk skond dan l-awtur "prima facie" huwa anqas minn hekk u jista' jigi definit bhala "a case to answer", haga li ghandha tigi nvestigata aktar fil-fond.*

Illi ghalhekk il-mistoqsija li trid tigi rizolta fil-kaz in ezami hija dik interposta mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza hawn fuq kwotata  u cioe *fil-kuntest tal-provi illi l-proskuzzjoni gabet f'dan il-kaz,* (provi biex jigi pruvat in-ness bejn il-flus utitlizzati biex jinxtraw il-vetturi imsemmija u xi attivita kriminali) *intlahaq dan il-livell ta' "prima facie"? Kien hemm "a case to answer"* biex mbaghad l-oneru tal-prova jdur fuq l-imputati biex jippruvaw l-origini legittima tal-flus utilizzati.

Ikkunsidrat

Illi l-ewwel ser tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet fil-konfront ta’ l-imputat Alfred Delia.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li f’temp ta’ erbgha xhur bejn Jannar u April 2010 Alfred Delia, li kien jghix fuq penzjoni ta’ bejn wiehed u iehor €700 kull erbgha gimghat u ma kellu l-ebda introjtu iehor hlif imghaxx generat minn kapital ta’ ftit aktar minn €5,000 depozitati il-bank, akkwista zewg vetturi bil-prezz ta’ circa €43,000 li minnhom €28,000 thallas fi flus kontanti f’dak l-istess perjodu. Fil-verita Alfred Delia jammetti bla tlaqliq f’l-ewwel stqarrija tieghu li l-vetturi akkwistahom hu pero jintuzaw minn ibnu Freddie u mart Freddie (Diane) hekk kif jammetti ukoll li l-flus li ntuzaw biex inxtraw dawk il-vetturi ma kienux tieghu imma ta’ l-istess ibnu Freddie li, dejjem skond l-imputat Alfred Delia, ma kienx jahdem.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ukoll li Freddie Delia kien diga nstab hati ta’ reati dwar traffikar ta’ droga fil-passat u in konnessjoni ma’ dawn ir-reati f’Marzu 2005 gie ikkundannat hames snin prigunerija.

Illi f’dawn ic-cirkostanzi huwa ragonevoli li wiehed ghandu jissuspetta li l-provenjenza tal-flus li bihom inxtraw iz-zewg BMW’s ma kellhomx provenjenza lecita ghax setghu kienu konnessi ma’l-attivita illegali ta’ Freddie Delia? Fit-termini tas-sentenza fuq kwotata l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova li kien hemm *a case to answer*? Fil-fehma tal-Qorti ir-risposta ghaz-zewg kwezieti ghandha tkun f’l-affermattiv.

Illi la darba l-prosekuzzjoni ippruvat fil-grad rikjest mill-Ligi ness bejn l-flus utilizzati biex inxtraw iz-zewg BMW’s u xi attivita illecieta da parti ta’ Freddie Delia allura l-oneru tal-prova issa dar fuq l-imputat Alfred Delia biex jipprova l-origini legittima tal-flus in kwsitjoni. Alfred Delia pero ma ressaq l-ebda prova.

Illi ghalhekk l-imputazzjonijiet migjuba kontra Alfred Delia jirrizultaw sodisfacjentement pruvati.

Ikunsidrat

Illi l-Qorti issa ser tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet fil-konfront ta'l-imputat Marco Delia.

Illi mill-provi jirrizulta li l-unika introjtu li kellu l-imputat Marco Delia kien is-salarju tieghu li kien ta' circa €800 fix-xahar, hekk kif irrizulta li l-unika assi li kellu Marco Delia sal-bidu ta' Jannar 2010 kien kont il-bank u zewg karozzi. Il-kont tal-bank fil-bidu ta' Jannar 2010 kien fih bilanc ta' €1.58 u l-unici depoziti li saru f'dan il-kont fix-xhur ta' wara kienu tas-salarju tieghu. Iz-zewg karozzi li kellu kienu Hyundai Accent li kienet skrappjata u Mitsubishi; il-Mitsubishi kienet ilha ghandu sentejn u kien ghad baqa' bilanc fuq prezzha.

Illi pero mbaghad f'April 2010 l-istess Marco Delia xtara Mitsubishi ohra, mudell aktar recenti, bil-prezz ta' €14,000 li minnhom hallas, f'daqqa, €4,600 fi flus kontanti. Fost il-karozzi li kellu Marco, huh Roderick kien juza din il-Mitsubishi li nxtrat f' April 2010.

Illi minbarra dawn il-fatti mill-provi prodotti jirrizulta li kemm l-imputat Marco Delia kif ukoll huh Roderick Delia kienu jghixu mal-genituri taghhom.

Illi jirrizulta ukoll li Roderick Delia ma kienx jahdem u li hu ukoll fil-passat kien gie misjub hati ta' reati dwar traffikar ta' droga li ghalihom, f'Marzu 2005, gie ikkundannat hames snin prigunerija. Mill-provi hareg ukoll li fis-sena 2009 Roderick Delia gie akkuzat b'reati dwar pussess aggravat ta' droga eroina u kokajina[7].

Illi minn dawn il-provi jirrizzulta li mill-bidu ta' Jannar 2010, meta f'l-uniku kont bankarju tieghu kellu depozitu ta' €1.58, sa' April 2010 Marco Delia ma setghax jaqla (u wisq anqas ifaddal) €4,600 biex jaghmel l-ewwel pagament fuq il-vettura (naturalment minbarra il-prezz tal-vettura huwa kellu jhallas ukoll il-licenzja u l-assikurazzjoni tal-vettura).

[7] Proceduri li ghadhom pendenti.

Illi tenut kont ta’ dan, tenut kont tal-fatt li kienet propju din l-ahhar vettura li akkwista Marco Delia li kien qed juza hu Roderick, u tenut kont tal-fatt li dan Roderick huwa involut f’attivita illecita l-Qorti hija sodisfatta li l-prosekuzzjoni pruvat, fil-grad ta’ prima facie, in-ness bejn din l-attivita illecita u l-flus utilizzati biex tinxtara, f’isem Marco Delia, il-Mitsubishi.

Illi a differenza ta’ missieru, Marco Delia offra d-depozizzjoni tieghu imma ma qal xejn li jista’ juri li l-origini ta’ dawk il-flus kien wiehed legittimu.

Illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-imputazzjonijiet gew pruvati ukoll fil-konfront ta’l-imputat Marco Delia.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni. Bla dubbju l-ewwel konsiderazzjoni ghandha tkun in-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati u l-ammonti involuti. Min-naha l-ohra l-Qorti trid ukoll tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali ta’l-imputati; dik ta’ Alfred Delia hija kwazi netta fil-waqt li dik ta’ Marco Delia ghalkemm turi tlett kundanni dwar pussess semplici ta’ droga (wahda fis-sena 1984, u t-tnejn l-ohra fis-sena 1996) mhiex wahda allarmanti.

Ghal dawn il-motivi fl-Qorti wara li rat l-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 3 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u tikkundannahom tmintax il-xahar prigunerija u multa ta’ hames telef (€5,000) kull wiehed li ghandha tithallas fi zmien sena; in oltre l-Qorti qed tordna l-konfiska tal-vettura ta’ tip BMW Z4 b’numru ta’ registrazzjoni DIA 612, tal-vettura ta’ tip BMW 530D b’numru ta’ registrazzjoni PAJ 130 u tal-vettura ta’ tip Mitsubishi b’numru ta’ registrazzjoni CGV 021 favur il-Gvern ta’ Malta. In konkluzzjoni u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tordna lil kull wiehed mill-imputati biex ihallas lir-Registratur ta’ din il-Qorti s-somma

ta’ €1663.89 rapprezentanti spejjez rinkorsi in konnessjoni mal-hatra ta’l-esperti; il-hlas ghandu jsir fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------